MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 50/2004

**Von Brockdorff Imports Limited**

**Vs**

**Aldo u Carmen konjugi Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpannija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u ghaxar liri Maltin u seba' u hamsin centezmu (LM 2410.57) rapprezentanti merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lilhom fil-Pirella Supermarket bejn Marzu 2003 u Gunju 2003.

Bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-Ligi u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni;

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma ikkontestawx t-talba attrici.

Semghet ix-xiehda ta' Dr Paul Borg Olivier, l-avukat difensur tas-socjeta' attrici, illi iddikjara bil-gurament tieghu illi s-sorte thallas, izda zamm ferm ghan-nom tas-socjeta' attrici il-kap ta' l-imghax u l-ispejjez;

Il-Qorti, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu, qeghda tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenuti limitatament ghall-hlas ta' l-ispejjez u ghall-hlas ta' l-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv u konsegwentement qeghda tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------